**Stqarrija mill-Prim Ministru Robert Abela fis-Seduta 385 tas-7 ta' Ottubru 2025 dwar tal-Istat tal-Palestina, u dwar il-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi laqgħat fuq livell internazzjonali**

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, mill-20 ta' Settembru 2025 sas-26 ta' Settembru 2025 mexxejt delegazzjoni Maltija ġewwa New York li attendiet għall-ftuħ tat-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda kif ukoll il-Konferenza dwar il-kwestjoni tal-Palestina li ssejħet mill-President Franċiż Emmanuel Macron u mill-Prinċep Mohammed bin Salman tar-Renju tal-Arabja Sawdija.

Proprju matul din il-konferenza u fil-jum tat-22 ta' Settembru, 2025, Malta rrikonoxxiet b'mod formali l-Istat tal-Palestina. Kien jum verament importanti għal pajjiżna. Dan il-pass għamluh ukoll 11-il pajjiż ieħor, fosthom Franza, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Awstralja.

Fl-intervent li għamilt dakinhar fi New York aċċennajt għall-kriżi umanitarja li għaddejja f'Gaża bħalissa u għall-bżonn li tinstab soluzzjoni dejjiema għall-governanza tal-Palestina li tonora d-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-poplu Palestinjan, iżda li ma tinvolvix il-Ħamas. Sejjaħt ukoll għar-ritorn tal-ostaġġi li ttieħdu fl-attakki tas-7 ta' Ottubru 2023, inċidentalment bħal-lum sentejn.

Ir-reġjun tal-Lvant Nofsani ra terrur li l-ebda pajjiż qatt ma jixraqlu jgħaddi minnu. Se nkun ċar għal darba oħra. Il-Ħamas, il-grupp terroristiku responsabbli minn dawn l-attakki bla skrupli, issa jrid ikun eliminat minn kwalunkwe soluzzjoni futura. Dakinhar tas-7 ta' Ottubru rajna nies li spiċċaw mejta fi djarhom u waqt li kienu qed jiddevertu. Illum huwa għeluq is-sentejn anniversarju. Iżda mbagħad ma stajniex nibqgħu siekta quddiem dak li seħħ sussegwentement ġewwa Gaża; nisa, trabi, tfal, anzjani, nies totalment innoċenti u estranei għal dak li kien seħħ fis-7 ta' Ottubru li nqatlu b'mod mill-aktar brutali. Rajna l-ġuħ jiġi soffert, l-għatx, in-nuqqas ta' mediċinali, in-nuqqas ta' provvisti umanitarji. Aħna x'nivviżwalizzaw li għandu jkun hemm ġewwa Gaża. Aħna naraw tfal li għandhom jilagħbu bħat-tfal ta' kull ġens ieħor, jiċċelebraw l-innoċenza tagħhom, jistudjaw fl-iskejjel bħal tfal oħrajn fir-reġjun tal-Mediterran, li meta jkollhom il-ħtieġa jirċievu l-aqwa kura medika, imma mhux fil-kontest ta' gwerra u ta' atroċitajiet. Irridu li l-Palestinjani - kif tħadditna lbieraħ fl-okkażjoni tant importanti li kellna fl-Ambaxxata Palestinjana – u dan il-ġens ikollu u jgawdi mill-istabbiltà għaliex l-istabbiltà hija ċ-ċavetta ta' kull suċċess. Għalhekk nemmnu wkoll li l-istabbiltà għalina hija kruċjali kullimkien għaliex il-prosperità tal-popli kollha tista' tasal biss bil-paċi, dik li bħala pajjiż nibqgħu nisħqu fuqha bħala s-soluzzjoni dejjiema għal din il-gwerra u għal gwerer oħrajn.

Għalhekk konvinti li konna hemmhekk sa mill-bidu nett fuq in-naħa tas-sewwa, qatt ma ħadna double standards jew pożizzjonijiet differenti imma konna dejjem konsistenti u kburin b'dak li rnexxielna nagħmlu. Irrid infakkar li aħna konna l-iżgħar stat membru fl-Unjoni Ewropea, l-iżgħar mill-pajjiżi tad-dawra tal-Mediterran u fl-Ewropa, imma konna konsistenti b'vuċi b'saħħitha. Dejjem konna ċari u llum kuntent li nara dejjem aktar mill-komunità internazzjonali li segwiet din il-linja ta' direzzjoni.

Sur President, ħassejtni verament tant kburi f'isem pajjiżna li kelli l-privileġġ li niddikjara li nirrikonoxxu l-Istat tal-Palestina. U għamiltha għas-sewwa, għax konna konvinti li dak li qed nagħmlu kien imnebbaħ mis-sewwa, huwa t-triq il-ġusta, u għall-poplu li bata tant tul is-snin u għadu qed ibati l-istess tbatija llum il-ġurnata. Għamiltha wkoll għaliex nemmen fit-triq tas-soluzzjoni taż-żewġ stati għax żewġ pajjiżi jistgħu jgħixu biswit xulxin, u bir-rieda u bir-raġuni jgħixu fil-paċi u fil-progress.

Le, m'hemmx lok għal min huwa bla skrupli bħall-organizzazzjoni terroristika Ħamas, u huwa inaċċettabbli li din l-organizzazzjoni trid teqred lill-Iżrael. Li hu żgur hu li din m'għandhiex l-interess tal-poplu Palestinjan innifsu. Ilbieraħ, kif għadni kif għedt, mort l-Ambaxxata Palestinjana u ltqajt ma' komunità li għandha qalbha magħfusa għal dak li qed iseħħ ġewwa Gaża. Tista' tara f'għajnejn it-tfal li ġibna hawnhekk ġewwa pajjiżna ... Aħna għamilna interventi kirurġiċi kbar - u nirringrazzja lill-professjoni medika - li jinkludu l-għotja ta' għajn, il-bidla ta' għajn, il-prosthesis li ngħataw, interventi kirurġiċi serji u oħrajn li għad iridu jsiru. Jiġifieri l-pożizzjoni soda li ħadna qegħdin nagħmluha għal dawn it-tfal għaliex nemmnu li jixirqilhom li jingħataw tama aħjar. U ġewwa pajjiżna se jibqgħu jsibu d-dar li tospitahom sakemm ikun hemm il-ħtieġa.

Jien ngħid li fl-aħħar mill-aħħar din hija t-triq li l-kuxjenza tnebbaħna li għandna nimxu fiha, it-triq li anke pajjiżi kbar bħall-Istati Uniti issa bdew iwittu. Jien nilqa' l-iżviluppi li kellna f'dawn l-aħħar jiem li f'Gaża rridu verament naraw il-waqfien tal-ġlied b'mod permanenti. Dak hu li għedna aħna sa mill-ewwel ġurnata. Infakkar li aħna dejjem użajna l-kliem, kemm dwar il-gwerra fir-Russja u l-Ukrajna kif ukoll f'Gaża, a permanent ceasefire. Dejjem għedna li għandu jkun hemm ceasefire u li jkun wieħed permanenti għaliex dejjem emminna li ma jistax ikollna sitwazzjoni ta' waqfien għal ftit ġimgħat jew ftit jiem u nerġgħu nirrepetu s-sitwazzjoni għaliex dan ikun ifisser li jinqatlu aktar nies. Għalhekk nemmnu li l-atroċitajiet u l-gwerer iridu jieqfu darba għal dejjem. Jien kelli esperjenzi separati minn xulxin fejn iltqajt fl-uffiċċju tiegħi ma' familjari tal-ostaġġi li nħatfu mill-Ħamas u hemmhekk stajt nara l-istess esperjenza li kelli mal-poplu Palestinjan; it-tbatija u d-dwejjaq li ġew imċaħħda mill-familjari tagħhom. Dawn huma t-tbatijiet li qed jiġu sofferti minn dawn iż-żewġ popli; tara l-weġgħat ta' popli differenti minn xulxin, li t-tnejn li huma jaspiraw għall-

istess ħaġa, ċjoè li jkun hemm il-paċi għaliex hija l-paċi li tista' twaqqaf dik is-sofferenza u t-tbatija.

Għalhekk nemmen li, bħala pajjiż magħġun fin-newtralità u fin-nonallinjament kostituzzjonali tagħna, xogħolna hu li pajjiżna jibqa' jservi bħala pont, u mhux nimmanifatturaw l-armi, dak l-istess pont li tant konna kapaċi nibnu, grazzi wkoll u bis-saħħa tad-Deputat Prim Ministru Ian Borg meta kellna s-siġġu mhux permanenti fi ħdan il-United Nations Security Council. L-istess kif għamilna fil-ħidma waqt li kellna l-Presidenza tal-OSCE, qegħdin nagħmlu issa wkoll fil-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa: it-triq twittiha bid-djalogu u bid-diplomazija madwar il-mejda tan-negozjati u ċertament mhux billi teskala l-konfront.

Sur President, il-pass kuraġġuż li ħadna biex irrikonoxxejna l-istatehood tal-Palestina kienet deċiżjoni kuraġġuża. Ċertament ma kinitx l-eħfef waħda li ħadna jew xi waħda faċli għax l-aktar ħaġa faċli kienet li ngħidu li nibqgħu kif konna f'dan il-pajjiż għal dawn l-aħħar 40 sena; nitħaddtu, ngħidu li xi darba għandna nirrikonoxxu l-Palestina però dik id-deċiżjoni finali, għal diversi konsiderazzjonijiet, ma neħduha qatt. Kien hemm min qalilna: Imma se ssaħħu l-Ħamas b'dak li se tkunu qegħdin tagħmlu? Fil-verità d-deċiżjoni li ħadna taħdem dijametrikament bil-kontra. Kien hemm min qalilna li se niġġieldu ma' pajjiżi akbar minna, kien hemm min qalilna x'differenza se nagħmlu bil-vuċi tagħna għax hija żgħira. Fil-verità urejna li minkejja d-daqs ġeografiku tagħna, b'mod konsistenti pajjiżna, fuq livell internazzjonali, qed ikun dejjem protagonista fuq in-naħa t-tajba. Allura din id-deċiżjoni kruċjali li ħadna ssaħħaħ ir-rieda tal-poplu Malti; rieda ċara u manifesta tal-poplu tagħna għal diversi snin. Dan il-pass xtaqu u konna aħna li dik ix-xewqa tal-poplu tagħna wettaqnieha. Nemmen li ħadna din id-deċiżjoni wkoll b'għaqal u fil-mument li kien jirrifletti li kien meħtieġ li tittieħed dik id-deċiżjoni, l-aktar wieħed propizju.

Infakkar li ftit tax-xhur ilu wkoll, fuq livell Ewropew, flimkien ma' numru ta' mexxejja oħra konna ssottoskrivejna għal ittra jew deċiżjoni li kien xpruna l-Prim Ministru Spanjol Pedro Sánchez u konna għedna li malli jokkorru ċ-ċirkostanzi, aħna nirrikonoxxu. Hekk fil-fatt għamilna. Din id-deċiżoni ħadnieha wkoll f'mument fejn aħna fhimna li biha stajna nagħtu l-akbar kontribut favur is-soluzzjoni taż-żewġ stati; soluzzjoni li fil-kontest tal-lum veru li jista' jkun li qiegħda ssir aktar diffiċli, però diffiċli kemm hi diffiċli, qatt mhi impossibbli u nemmen li tajna s-sinjal it-tajjeb hemmhekk. Irridu nibqgħu nemmnu li dawn iż-żewġ popli jistgħu jgħixu biswit xulxin u fil-paċi.

Sur President, matul il-parteċipazzjoni tiegħi fil-ftuħ tal-Assemblea Ġenerali indirizzajt b'mod ċar il-prijoritajiet internazzjonali ta' pajjiżna. Fl-intervent tiegħi sħaqt quddiem l-Assemblea li Malta kienet se tibqa' taħdem lejn il-paċi dejjiema li tiggarantixxi wkoll is-sovranità tal-Ukrajna. Fit-tieni diskors li għamilt fl-

plenarja hemmhekk enfasizzajt ukoll l-importanza ta' waqfien immedjat – jiġifieri u permanenti tal-ġlied f'Gaża. Malta tagħti importanza kbira lin-Nazzjonijiet Magħquda u kien ta' pjaċir kbir li nattendi l-kommemorazzjoni tat-80 anniversarju mit-twaqqif tagħha flimkien mar-rappreżentanti tal-membri stati kollha li jifformaw parti minnha.

Ipparteċipajt f'laqgħat u avvenimenti ta' livell għoli li ttrattaw firxa wiesgħa ta' temi globali fosthom il-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal f'era diġitali. Din kienet konferenza, Sur President, li tqabbdek sens ta' emozzjoni qawwi. Kienet organizzata mill-Awstralja li se jilleġiżlaw f'dan ir-rigward ukoll, anke kif se nkunu qegħdin nagħmlu aħna. Kif ħabbart numru ta' xhur ilu u hemm ħidma sfiqa għaddejja biex nikkontrollaw l-aċċess tat-tfal ta' ċerta età għas-social media. F'dik il-konferenza tkellmet omm ta' tifla ta' 15-il sena li kkomettiet suwiċidju minħabba l-attakk li kellha fuq is-social media minn dawk li suppost kienu sħabha stess. Kienet esperjenza verament kommoventi u li tiftaħlek għajnejk għar-realtajiet tad-dinja tal-lum u kif aħna bħala pajjiż irridu nkunu proattivi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna.

Tkellimt ukoll fis-summit dwar l-ekonomija globali sostenibbli, inklużiva u reżiljenti fejn sħaqt dwar l-inklużività u l-implimentazzjoni ta' azzjoni globali koordinata.

Imbagħad kellna laqgħa importanti ferm - jien ukoll għamilt l-intervent tiegħi fiha - li kienet dik tal-pjattaforma internazzjonali tal-Crimea u li għaliha attenda wkoll il-President Ukren Zelensky. Tennejt li Malta mhux talli tibqa' tikkundanna l-preżenza mhux iġġustifikata tar-Russja fil-Crimea, talli tibqa' wkoll soda fl-appoġġ tagħha lejn iċ-ċittadini Ukreni li għadhom qed isofru l-konsegwenzi ta' din il-gwerra.

Fir-rigward tat-tlugħ tal-livell tal-baħar sostnejt li Malta tibqa' tappoġġja bis-sħiħ il-qafas legali internazzjonali li jiżgura d-drittijiet marittimi u territorjali anke f'każijiet fejn l-art ma tkunx baqgħet aktar abitabbli. Sħaqt kemm huwa importanti li nazzjonijiet li huma f'riskju li jitilfu l-art tagħhom b'dan il-mod jibqgħu jżommu l-identità politika u d-drittijiet kollha tagħhom taħt il-liġi internazzjonali. Aħna bħala pajjiż dejjem nagħtu kontribut – u din ngħidha bħala parentesi – fejn jidħlu small island developing states għar-realtijiet partikolari ta' dawn l-istati li għadhom qegħdin jikbru wkoll, inkluż kif l-impatti tat-tibdil fil-klima jolqtu lilhom b'mod speċifiku, minkejja li ħafna drabi r-realtà turi li għal dak li huwa tibdil fil-klima aħna fost l-inqas stati li nħammġu.

Sur President, kien hemm event ieħor, li għalina kien importanti ferm, li huwa dak tal-LGBTIQ+ Core Group. Fl-intervent tiegħi hemmhekk semmejt il-progress li sar f'pajjiżna f'dawn l-aħħar 13-il sena, fejn mill-aħħar fil-lista tad-

drittijiet ċivili, ġejna l-ewwel nett u bqajna b'mod konsistenti quddiem nett. It-tema ewlenija li tħaddidt dwarha hemmhekk hija l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni u li nibqgħu nimbuttaw bis-saħħa 'l quddiem il-prinċipji tal-ugwaljanza. Dawn jibqgħu importanti llum daqskemm kienu snin ilu, għaliex sfortunatament qegħdin ngħixu f'dinja li kulma jmur qiegħda tipprova ddaħħal il-prinċipji tad-diskriminazzjoni. Għalhekk aħna rridu nkunu viġilanti u nibqgħu naħdmu biex dak kollu li akkwistajna nsaħħuh u mhux nippermettu l-kumdità tal-i*status quo*. Kien event verament interessanti, li matulu tisma' diversi interventi mill-komunità LGBTIQ+ li jiftħulek għajnejk għal dawn ir-realtajiet, u kemm f'pajjiżna, minkejja li għamilna ħafna - u kburin li għamilna ħafna - qatt ma nistgħu ngħidu li għamilna biżżejjed jew li qatt se nkunu kuntenti bl-i*status quo* għax qegħdin l-ewwel, imma rridu nibqgħu naħdmu ħalli nibqgħu nġibu riformi pożittivi f'dan il-pajjiż.

Ipparteċipajna b'mod attiv ukoll f'event ieħor, fejn ipparteċipa anke l-Kummissarju tal-Kummissjoni Ewropea Glenn Micallef. Kienet plenarja li fiha ġie mfakkar it-30 anniversarju mit-tnedija tal-aġenda taż-żgħażagħ. Hemmhekk spjegajt li l-ġenerazzjoni żagħżugħa kontemporanja hija l-akbar waħda fl-istorja, u ż-żgħażagħ mhumiex biss il-mexxejja t'għada imma l-imsieħba tal-lum. Spjegajt ukoll kif fil-kontest lokali, anke bil-Youth Advisory Forum, qegħdin inwettqu dan il-prinċipju fil-prattika. Semmejt il-Vot 16. Semmejt ukoll il-mod kif f'pajjiżna persuna ta' 16-il sena, kuntrarjament għal kif konna snin ilu, tista' tkun sindku jew viċi sindku ta' lokalità tagħna.

Imbagħad, bħala punt innovattiv, l-intervent tiegħi qsamtu ma' żagħżugħa Maltija; delegata żagħżugħa Maltija għan-Nazzjonijiet Magħquda, Chloe Cauchi. Fil-fatt jien għamilt l-ewwel parti tal-intervent, filwaqt li t-tieni parti għamlitu Chloe. Kellha intervent verament tajjeb; minkejja li kien qasir, kien intervent li verament laqat l-aktar punti importanti li kellhom isiru.

Sur President, nixtieq nagħmel referenza għall-impenji li kelli ftit tal-jiem wara fil-konferenzi li saru f'Copenhagen, id-Danimarka, fejn ipparteċipajt f'żewġ laqgħat ta' livell Ewropew. L-ewwel ġurnata kienet dedikata għal laqgħa informali tal-Kunsill Ewropew. It-tieni jum kien dedikat għall-European Political Community.

Fl-1 t'Ottubru ħadna sehem f'din il-laqgħa informali. Għalkemm tissejjaħ informali għax ma tinvolvix it-teħid ta' deċiżjonijiet u konklużjonijiet bil-miktub u formali, kienet laqgħa importanti ferm. Tista' tgħid li hemmhekk jiġi antiċipat dak li jsir fil-laqgħa formali tal-Kunsill li se ssir ftit tal-jiem oħra fi Brussell. Iddiskutejna żewġ temi li huma importanti ħafna. Kif dejjem isir, il-laqgħa saret fuq l-istedina tal-President tal-Kunsill Ewropew, il-ħabib tiegħi Antonio Costa u, kif inhi l-prassi, billi l-kontest ikun aktar informali, jagħti opportunità għal

djalogu aħjar. Kienet laqgħa li l-President qasamha fuq żewġ temi. L-ewwel nett kien hemm  diskussjoni fuq is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u hemmhekk kellna bżonn ftit iktar ħin biex niddiskutu għax il-ħin kien limitat minħabba l-impenji, imma issa se nkomplu fi Brussell.

It-tema l-oħra kienet l-appoġġ li se tkompli tagħti l-Unjoni Ewropea fuq diversi binarji u hemmhekk niġu għal dik li se tkun tematika ħafna fil-Kunsill li ġej, ir-reparation loan u x'inhuma r-riperkussjonijiet tagħha jekk se tiġi approvata. Hemmhekk urejt ċar x'inhi l-fehma ta' pajjiżna: se nkunu supportive bħal dejjem, però għad hemm ħafna spjegazzjonijiet li jridu jingħataw fuq il-konsegwenzi legali li joħorġu minnha u eżattament kif dan l-istrument se jkun qiegħed jaħdem. L-akbar parti tad-diskussjoni, u fil-verità dik li tlaqna biha, kienet tiffoka fuq is-sigurtà u d-difiża globali tal-bloc. Għamilt l-intervent tiegħi, u għamilt is-soltu aċċenn għall-politika tad-difiża partikolari ta' pajjiżna.

Wieħed jista' japprezza s-sensittività tad-diskussjoni, anke fl-isfond ta' dak li ġara fid-Danimarka stess ftit tal-jiem ilu. Kulħadd jaf x'ġara u anke x'salvagwardji kellha tieħu d-Danimarka għas-sigurtà tagħha stess, proprju ftit jiem qabel ma seħħet din il-laqgħa. Fl-intervent tiegħi sostnejt ukoll l-appoġġ għall-Ukrajna, filwaqt li nibqgħu nsostnu l-isforzi li qed isiru flimkien ma' sħab internazzjonali sabiex ikun innegozjat dan il-ftehim ta' paċi bil-parteċipazzjoni attiva tal-Ukrajna. Din hija pożizzjoni konsonanti mal-isforzi li għamilna u nibqgħu nagħmlu favur id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni fl-irwoli li konna ġejna fdati bihom, kif semmejt iktar qabel, fit-tliet fora internazzjonali. U biex nifhmu kemm hija b'saħħitha r-reputazzjoni internazzjonali ta' pajjiżna, nerġa' ngħid 'ġejna fdati', għax dawn huma tliet fora u tliet istituzzjonijiet tant importanti li kellna x-xorti mmexxuhom.

Sur President, rigward id-difiża sostnejt ukoll il-ħtieġa tal-flessibilità. Hawnhekk huwa fejn għamilt referenza għal dak li joħroġ mill-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, fis-sens li dak kollu li jiġi deċiż fuq livell Ewropew għandu jkun b'rispett sħiħ għall-politika tal-istati membri kollha, inkluż dik tan-newtralità ta' pajjiżna. U rrid ngħid li jien sodisfatt immens li anke b'mod dirett mal-President tal-Kunsill Antonio Costa għandna understanding mill-iktar ċar li kull darba li jkun hemm konklużjonijiet ta' dan it-tip, kif x'aktarx se jerġa' jkun hemm iktar tard f'Ottubru meta niltaqgħu fi Brussell, dejjem ikunu bla ħsara għar-realtà partikolari ta' pajjiżna. Dik hija xi ħaġa li ġiet mifhuma u miftiehma bejnietna u  se tibqa' tiġi onorata.

Hemmhekk hemm dimensjonijiet varji tas-sigurtà li l-Ewropa trid tħares lejhom b'mod ħolistiku sabiex ikun assigurat li l-istati membri jilħqu l-aspettattivi u jħarsu l-interessi taċ-ċittadini tagħhom. Eżempju ta' dan huwa punt li semmejt b'mod speċifiku, il-maritime infrastructure, il-ħarsien ta' din l-infrastruttura

kritika, inkluż fl-ibħra ta' madwarna. Dan huwa qasam fejn pajjiżna jista' jikkontribwixxi, jiġifieri dan l-isforz Ewropew kollettiv f'salvagwardja u b'rispett sħiħ għall-obbligi u l-limitazzjonijiet kostituzzjonali tagħna.

Sur President, fit-2 ta' Ottubru pparteċipajt fis-seba' laqgħa tal-komunità politika Ewropea, li fiha jkun hemm iktar mexxejja Ewropej mis-27 membru. L-għan tal-EPC, li huwa forum li kien ħolqu ftit tas-snin ilu l-President Macron, huwa li nsaħħu l-koperazzjoni mal-ġirien fil-kontinent, filwaqt li s-sigurtà u s-sitwazzjoni fl-Ukrajna kienu temi ċentrali wkoll. Jiġifieri d-diskussjoni f'dan il-grupp ġiet estiża wkoll. Kien hemm għadd ta' diskussjonijiet oħra importanti. L-EPC jaħdem billi l-ewwel jiltaqa' kulħadd flimkien, imbagħad ikollna numru ta' round table conferences b'temi speċifiċi. It-tema li pparteċipajt fiha kienet dik tal-immigrazzjoni irregolari. Fost oħrajn kien hemm parteċipazzjoni mill-Italja, mir-Renju Unit, mid-Danimarka – li kienet il-host country – kif ukoll numru ta' pajjiżi oħra. Kien hemm ukoll il-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u numru ta' mexxejja ta' stati membri. Hemmhekk stajt nitħaddet dwar l-esperjenza pożittiva ta' pajjiżna, partikolarment fil-politika tar-ritorn lejn safe countries. Kien hemm ukoll kumment tal-President tal-Kummissjoni Ewropea li rrimarkat b'mod pożittiv kemm għandna politika ta' ritorn b'saħħitha, dejjem b'salvagwardja għall-jeddijiet fundamentali tal-individwu, u li dik qed tħalli s-suċċessi.

Sur President, tħaddidt ukoll dwar l-importanza ta' investiment fil-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu. Din hija soluzzjoni li għandha diversi faċċati biex tasal li tkun ta' suċċess. Għaliex irnexxiet ġewwa pajjiżna? Għax għandna politika fejn qed nitħaddtu dwar safe country of return u min jidħol b'mod illegali f'pajjiżna jiġi ritornat minnufih. Hemm deterrent b'saħħtu għal min jiddeċiedi li jagħmel il-qasma, u aktar u aktar għall-kriminali li jorganizzaw dawn ir-rackets, jiġifieri għat-traffikanti tal-umani. Allura għandek dik il-politika ta' ritorn b'saħħitha li għandha l-għan ta' deterrent ukoll; il-prevenzjoni tat-tluq, fil-każ tagħna aħna nitħaddtu dwar is-southern Mediteranean route, u allura għandna politika ċara li nikkoperaw mal-pajjiżi ta' tranżitu jew mal-oriġini biex inwaqqfu t-tluq milli jseħħ; u li jieħu l-ażil biss min huwa meritevoli tiegħu. Ir-raba' punt, li jgħaqqad ma' dak li għadni kif semmejt huwa l-investiment, fejn inti trid tinvesti fil-pajjiżi ta' tranżitu u tal-oriġinu, mhux waħedna, għax ċkejknin wisq biex ninvestu f'dawn il-pajjiżi kbar, imma jekk ikollna sforz kollettiv, bħall-Unjoni Ewropea jew il-parteċipanti kollha fl-EPC, hemmhekk tista' tagħmel differenza billi tinvesti, pereżempju l-Afrika ta' Fuq, fl-enerġija rinnovabbli, b'konnessjoni lejn l-Ewropa. Fiha inti tagħti opportunitajiet ta' xogħol u ta' futur aħjar lill-persuni li jgħixu hemmhekk minflok ma jagħżlu li jagħmlu vjaġġi tant perikolużi. Dak kien l-intervent li għamilna fi ħdan din ir-round table conference, li kienet tematikata u importanti ħafna wkoll.

Sur President, ipparteċipajna wkoll f'laqgħa oħra, li kienet f'format totalment ġdid. Kienet l-ewwel laqgħa. Se tkun waħda minn diversi, fejn ħadna rwol prominenti. Irrakkontajt l-esperjenza ta' pajjiżna f'dan ir-rigward, fejn ġiet varata l-koalizzjoni Ewropea kontra d-droga. Din kienet inizjattiva tal-President Franċiż u l-Prim Ministru Taljana, fejn ħadna sehem attiv u għidna x'għamilna wkoll ġewwa l-portijiet tagħna inkluż bl-istallazzjoni ta' scanning equipment u x'kienet il-konsegwenza jew ir-riperkussjoni ta' dak ukoll. Għalhekk appellajna li jkun hemm approċċ kordinat bejn kull pajjiż biex niżguraw li l-ġlieda tkun effettiva u mhux li ssir ġewwa ftit pajjiżi biss. Għalhekk li pparteċipajt f'diskussjoni tant importanti dwar pjaga soċjali li tolqot lil tant u tant pajjiżi, lill-pajjiżi kollha ta' madwar id-dinja. Qsamna dawn l-esperjenzi u realtajiet tal-pajjiżi tagħna, u ddiskutejna għalhekk kif nistgħu nsaħħu l-ħidma kollettiva tagħna kontra dawn iċ-ċrieki organizzati ta' kriminalità u traffikanti tad-droga.

Sur President, biex nerġa' mmur lura għar-round table conference tal-migrazzjoni, aħna x'qegħdin ninnotaw? Jista' jitħaddet ħafna aktar tajjeb dwarha l-Ministru Byron Camilleri għaliex jesperjenzaha first hand; in-ness li għandek bejn it-traffikanti tal-bniedem, it-traffikanti tan-narkotiċi, it-traffikanti taż-żejt, tal-kuntrabandu tad-diesel u żjut oħrajn, u tara li qed titkellem dwar ċrieki interkonnessi ma' xulxin jekk mhumiex l-istess nies, li huma finanzjati b'mod mill-aktar tajjeb, u allura jridu din il-kordinazzjoni internazzjonali biex tabilħaqq inkunu nistgħu niġġildulhom bis-saħħa. Nirringrazzjak.